**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2020.**

**Rikors nru: 87/2016 AGV**

**AB**

**vs**

**C sive DB**

**Il-Qorti rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 20 ta' April 2016;**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tal-elf disa' mija, hamsa u tmenin (1985) liema zwieg gie rregistrat taht l-Att taz-Zwieg bin-Numru Progressiv wiehed, wiehed, wiehed sebgha tas-sena elf disa' mija,

hamsa u tmenin (1117/1985), hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg m'hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u dan unikament minhabba tortijiet u htijiet imputabbli lill-intimata stante eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika da parti tal-intimata u kif ukoll adulterju u abbandun tad-dar matrimonjali, u ghalhekk il-hajja mizzewga ma baqghetx aktar possibbli, tant illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin;

3. Illi l-intimata baqghet intransigenti u m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u lanqas ghal ftehim dwar *de jure* separazzjoni personali;

4. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat itfal; E li twieled fit-tnax (12) ta' Mejju tal-elf disa' mija, sitta u tmenin (1986), F li twieled fit-tlettax (13) ta' Novembru tal-elf disa' mija, tmienja u tmenin (1988), G li twieled fis-sbatax (17) ta' Gunju tal-elf disa' mija, wiehed u disghin (1991) u H li twieldet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tal-elf disa' mija sebgha u disghin (1997) u *dunque* llum huma kollha maggiorenni;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponenti jixtieq u jrid li jottjeni l-hall taz-zwieg tieghu minn mal-intimata;

7. Illi l-esponenti gie awtorizzat imexxi bil-prezenti istanza u dan permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti numru tmienja, wiehed, sitta tal-elfejn u sittax (816/16), datat disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) (kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B).

**GHALDAQSTANT** ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikkjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan minhabba ragunijiet attribwibbli esklussivament lill-intimata;

2. Tapplika kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66E u 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-assi u d-djun li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi, taqsam l-assi u d-djun hekk likwidati f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjoni iehor lill-intimata, occorrendo permezz tal-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att tal-qsim opportun u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci;

5. Tiddikkjara lill-intimata responsabbli u tordnalha tirrifondi lill-attur kwalunkwe ammont/i ta' flus mhallsa minn fondi parafernali tar-rikorrent sabiex ikopri d-djun kollha li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet li pero gew assunti mill-partijiet

esklussivament sabiex jghinu lill-familjari u/jew in-negozju tal-familjari tal-intimata;

6. Tordna lill-intimata thallas id-djun kollha minnha assunti minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tar-rikorrent, minghajr mar-rikorrent jinkorri ebda responsabbilta' dwar l-istess;

7. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment mill-eta' ta' erbatax (14) sa l-eta' ta' tmintax (18)-il sena ta' binthom HB, mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita minn dina l-Qorti, pagabbli mill-istess konvenuta lill-attur sabiex tirrimborsa lill-istess attur ghall-ammonti mahruga ossia sborzati minnu u applikati fil-manteniment tal-imsemmija HB meta kienet ghadha minuri jew porzjoni appozitament stabbilita tal-istess;

8. Tiddeciedi u tiddikjara liema proprjeta' mobbli hija parafernali tal-attur u b'konsegwenza eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti;

9. Tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju prefiss mill-Qorti tikkonsejna lir-rikorrent dawk il-beni li jigu ddikjarati tieghu parafernali kif ukoll dawk il-beni li jigu lilu assenjati b'konsegwenza tal-likwidazzjoni u tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u fin-nuqqas tordna lill-istess intimata biex thallas lir-rikorrent il-valur tal-istess beni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti, anke occorrendo permezz ta' periti nominandi;

10. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kontendenti ddekadew minn kwalsiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin;

11. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventwali hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Bl-ispejjez konta l-intimata, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata** ta’ C sive D B datata 20 ta’ Mejju 2016, fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat;

1.Illi in linea preliminari jigi eccepit illi l-maggoranza kbira tat-talbiet avvanzati minn AB huma proceduralment improponibbli stante li ma kienux preceduti mill-proceduri ta’ medjazzjoni mandatorji. Din l-kawza torigina mill-ittra ta’ medjazzjoni numru 142/2016 (GG) li kienet tikkoncerna esklussivament talba sabiex AB jigi awtorizzat jipprocedi bid-divorzju minn mal-esponent, u xejn aktar.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespot, l-esponenti ma topponix ghat-talba ta’ AB sabiex jigi ppronzunjat id-divorzju taghhom. B’ dana illi ghandha l-ewwel tigi diviza l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u l-esponenti tigi akkordata s-sehem spettanti lilha mil-istess komunjoni. L-esponenti ghandha tinghata ukoll kwalunkwe gid parafernali taghha li jinsab fil-pusess tal-attur zewgha.

3.Illi l-esponenti ma tistax tigi obbligata thallas manteniment b’ lura li qatt ma gie mitlub u wisq anqas stabbilit, fil-konfront ta’ bintha HB, li llum hija

maggorenni. F’ dak ir-rigward tapplika ukoll l-ewwel eccezzjoni avvanzata mill-esponenti, fis-sens illi qatt ma kien hemm il-procedura tal-medjazzjoni mandatorja f’ dak ir-rigward. Apparti minn hekk, l-esponenti qatt ma kellha l-mezzi sabiex thallas manteniment, u dana ghal kuntrarju ta’ zewgha, u dana hu jafu ben tajjeb.

4. Il-hames talba tal-attur hija infondata hekk kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-istess kawza, u dan anka ghaliex l-attur ma specifikax ezattament x’ inhu l-kreditu li qed jipretendi. Jista’ jaghti l-kaz li dan l-allegat kreditu kien jifforma l-mertu tal-kawza ohra li l-attur kien intavolat tramite’ kontro-talba kontra IJ, li tigi omm l-esponenti.

5.Illi ma hemm ebda lok sabiex jigu applikati l-provvedimenti stipulati fl-artikoli 66 E u 48 et seq, tal-Kodici Civili fil-konfront tal-esponenti u semmai mil-provi ser jirrizulta li ghandu jkun l-attur li jigi milqut b’ tali sanzjonijiet. Jekk lil dina l-Onorabbli Qorti, jirrizultalha li jezistu tali cirkustanzi, hija ghandha tapplika tali provvedimenti fir-rigward tal-attur.

6. Illi dak li huwa mitlub mil-attur fis-sitt talba tieghu ghandu jigi applikat fl-istess mod fil-konfront tieghu.

7. Illi l-esponenti taqbel li l-ghaxar talba attrici tigi milqugha.

8. L-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha li huwa ‘J’.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT**

1.Il-partijiet kienu ltaqghu meta l-attur kellu 18-il sena u l-konvenuta kellha 14-il sena tramite hbieb komuni. Kienu damu seba' snin gharajjes u sakemm twieled it-tifel taghhom G, kollox kien miexi harir. L-iktar li kienu jiggieldu kien peress li l-konvenuta kienet ghajjura tal-familja tieghu, kif ukoll ta' uliedhom. E kien trabba fiz-zmien li kienu jghixu ghand omm l-attur u kien close hafna tal-familja tieghu. Meta kienu johorgu fil-weekends, it-tifel E kien jorqod ghand ommu. Ghall-bidu taz-zwieg, l-attur ighid li l-konvenuta kienet taghmel faccendi fid-dar jew almenu kienet tipprova peress li ma tantx kien ighodd ghaliha. Bdiet tinbidel wara t-twelid ta' binthom H. Riedet tilbes ta' zghira, kienet zebghet xagharha isfar u kienet taghmel xagharha ta' kull gimgha, kif ukoll kienet tilbes kollox tad-ditta. L-attur ighid li minkejja li qatt ma naqasha minn xejn, kienet donnha tiddejjaq bih u bit-tfal.

Lanqas kienet baqqghet issajjar u kienet tixtri jew take-aways jew altrimenti ikel iffrizat minghand Deguara. Matul il-gurnata kienet toqghod id-dar tpejjep is-sigaretti u tara s-soap operas, kif ukoll kull nhar ta' Erbgha kienet tohrog m'ommha. Kull nhar ta' Hadd kienet taqla' xi kwistjoni u tipprovokah.

F'mument, il-konvenuta xtaqet tmur Spanja wahedha u meta giet lura l-affarijiet qalbu ghall-aghar. Kien ikollhom hafna x'jghidu u l-konvenuta kienet ammettiet li kellha relazzjoni ma' Spanjol. L-attur ikompli jghid li pprova jittolleraha minhabba li kellu t-tfal, izda mbaghad fl-2003 jew 2004 ma felahx aktar u kien mar jghix go flat f'Bugibba. Uliedhom F u G riedu jmorru jghixu mieghu u anke E xtaq imur, izda peress li kien ghadu kemm beda jahdem kellu 'l boghod biex imur ix-xoghol u kien ikkonvincih biex jibqa' jghix m'ommu u ohtu fid-dar taz-zwieg. Kien imur jara lil binthom Francesca kuljum, pero' kien gie kkuntatjat mill-Headmistress peress li H

kienet qed tmur l-iskola bla lunch u bl-uniformi mahmuga. L-attur ighid li kien mexa fuq il-parir tat-Headmistress u rega' mar id-dar.

Kienu ppruvaw jirrangaw, izda nduna li l-konvenuta kienet riedet tirranga peress li rieditu jixtrilha  karozza gdida. Kien xtralha Citroen convertible gdida u spicca hallas il-pagamenti kollha hu. Dak iz-zmien kien jahdem bhala General Manager is-Sunny Coast Hotel u kien kontinwament "on call" minhabba n-natura ta' xogholu. Il-konvenuta kienet ippruvat idawwar it-tort fuqu li kellu relazzjoni ma' wahda mill-impjegati fil-lukanda.

L-attur jispjega li l-konvenuta qatt ma kienet hadmet, lanqas meta kienu gharajjes. Tul iz-zwieg kienet iddecidiet li ggib l-istudenti, izda mbaghad iddejqet tiehu hsiebhom u spicca jiehu hsiebhom hu. Imbaghad kienet marret tahdem bhala salesgirl f'hanut ta' Sliema u kienet damet inqas minn sena. F'dan iz-zmien uliedu G u F kienu ghamlu l-ghassa fuq il-konvenuta u kkonfermaw li kienet f'relazzjoni ma' KLM u biex ma taghtix fil-ghajn, kienet tuza' l-karozza tieghu. Kienet anke bdiet taghmel weekends shah barra mid-dar. Minhabba dan l-agir, l-attur ikompli jghid li kien waqaf ighaddilha l-flus ghax kien idejjaq bil-kapricci taghha, filwaqt kien jaghmel ix-xirja tal-ikel biex it-tfal ma jkunux nieqsin.

Il-konvenuta ghamlet zmien tghix fil-kamra fuq il-bejt u kienet issakkar kull m'hemm, izda imbaghad kienet telqet mid-dar ghal kollox u t-tfal kienu haduha bil-kbira hafna ghax abbandunathom u lanqas qatt ma tathom spjegazzjoni. Lanqas biss qaltilhom li kienet ser titlaq.

L-attur jinnega li kien vjolenti mal-konvenuta,  minkejja li kemm il-darba kienet tipprovokah. Darba kien hemm okkazzjoni fejn vera bdiet tipprovokah li spicca minflok refa' idejh fuqha, kien spicca hadilha l-make

up, ghax kien prezzjuz ghaliha u kien qassamulha u remih. Spiccaw kellhom jintervjenu l-pulizija u ndunaw li ma kienx hemm lok ta' vjolenza peress li l-konvenuta kellha kollox perfett b' xagharha u l-make up.

Problema ohra li kellhom fiz-zwieg, skond l-attur kienet li l-konvenuta ma tantx kienet tingieb mal-familja tieghu, minkejja li hu kien close hafna taghhom. Minhabba li l-konvenuta ma tantx kienet tiehu gost li jghaddi hafna hin maghhom, kien imur bil-harba biex izurhom, filwaqt li ommha u l-partner taghha kienu dejjem ghandhom, anke jieklu ghandhom ta' spiss. Spiccaw li kellhom jissalbu finanzjarjament minhabba li omm il-konvenuta kienet dahlithom fl-inkwiet mal-Bank of Valletta plc.

L-attur bi dispjacir kbir ighid li l-konvenuta ma kellhiex relazzjoni tajba ma' uliedha. Qatt ma kienet tiehu hsiebhom, ma kinitx tehodhom ghall-privatijiet u kien dejjem hu li kien jitlaq minn fuq ix-xoghol biex jehodhom, imbaghad jerga' jigborhom. Minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenuta, binthom H spiccat li kellha taghmel il-Grizma ta' 14-il sena peress li l-konvenuta qatt ma kienet tehodha l-lezzjonjijiet tad-duttrina, li kienu fil-vicinanzi ta' fejn kienu joqoghodu.

Kien hemm okkazzjonijiet fejn anke kienet bdiet terfa' idejhom fuqhom, partikolarment G peress li kien ikun l-aktar id-dar u kien seta' josserva x'kienet qed taghmel. Lanqas meta bdew bil-proceduri ta' separazzjoni, il-konvenuta qatt ma kellha interess li jkollha l-kura u l-kustodja tat-tfal.

Lanqas biss kienet attendiet ghal prize day fejn binthom H kienet rebhet premju u lanqas ma kienet ikkooperat meta binthom riedet tmur vakanza mal-iskola l-Inghilterra u kien jehtieg il-kunsens taghha. Kull korrispondenza li kienet tircievi minghand l-iskola kienet tircevihom

ghand ommha u minflok lanqas biss kienet tiftaghhom u kienet terga' twaddabhom lura fil-letter box tad-dar fejn kien joqghod l-attur, flimkien ma' uliedu.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-attur jispjega li peress li l-konvenuta ma kinitx tahdem, kien jispicca jhallas kollox hu, izda kienu jghixu tajjeb, ghax kellhom l-helper iktar minn darba fil-gimgha, il-konvenuta kienet tmur taghmel xagharha darba fil-gimgha. Meta l-affarijiet bejniethom kienu ghadhom tajbin, kienu jmorru jaghmlu xirja flimkien u mbaghad l-bzonnijiet ta' kuljum kienet tixtrihom il-konvenuta. Meta ghamlu l-credit cards, il-konvenuta kienet bdiet tonfoq bl-addocc, bir-rizultat li kienet telghet kont daqsiex u l-attur irrifjuta li jhallas. Il-flus li kienet taqla' mill-istudenti u mill-kiri tal-basement kienet izommhom kollha hi. Ighid li meta telqet mid- dar, kull oggett li kien prezzjuz kienet haditu u issa qed takkuza lill-attur li kien ha l-fided hu, izda jichad dan. Li kien zamm kien is-sett tad-*dining plates*. Izid ighid li meta telqet ma kienx qed ihallasha flus ghax kellu bzonn imantni lit-tfal.

L-attur ikompli jghid li lanqas hu u lanqas it-tfal ma kienu ghamlu hsara fid-dar, izda pjuttost kienet il-konvenuta li kienet tikkaguna din il-hsara.

Dwar id-dar matrimonjali, l-attur jispjega li l-genituri tal-konvenuta kienet tawha bicca art magenb id-dar taghhom u kienu bdew jibnuha. Sadanittant kien miet missier il-konvenut u mbaghad hu u l-konvenuta kienu rrangaw sabiex setghu jkomplu x-xogholijiet. Wara l-mewt ta' missier il-konvenut, ommha xorta baqqghet tiffinanzja l-kostruzzjoni, izda l-finishings, il-wiring u l-piping, l-ghamara, l-appliances u l-bjankerija u kull haga ohra li kien hemm bzonn, apparti l-kostruzzjoni, kienu hallsu ghaliha huma. Id-*dining room* u l-*main bedroom* kien hallashom l-attur mill-flus parafernali

tieghu u kien hadhom mieghu meta gew zgumbrati mid-dar matrimonjali. Jametti li l-protraits tat-tfal kienu ghandu. Dwar fided ighid li hafna minnhom kienu qalaghhom fit-tieg, fosthom gandilabri u frames. Kien ha ukoll xi figurini tal-porcellana, li flimkien ma kinux jammontaw ghal iktar minn €150. Jikkonferma ukoll li meta telaq mid-dar, kien qala' l-arlogg tad-dawl u ilma peress li kien f'ismu u ma riedx li jibda jkollu jhallas il-kontijiet tal-post, meta kien gie zgumbrat.

L-attur ikompli jghid li kien hemm zmien meta l-konvenuta kienet riedet tibda ggib l-istudenti u kien ghalhekk li kienu hadu self ta' LM8000 biex dawru l-basement ghal flat. Jichad li parti minn dawn il-flus intuzaw ghall-kura medika tieghu, ghax dawn kienu thallsu minn Tumas Group u meta siefer biex jaghmel operazzjoni minhabba l-angina, ma kienx mar privat, izda kien ghenu l-Gvern u ta' Tumas kienu koprewlu l-ispejjes li kien hemm. Wara li waqfu jgibu l-istudenti, omm il-konvenuta kienet tikri l-flat lill-barranin, b'reputazzjoni xejn tajba. Kien installa sub-meter tad-dawl u l-ilma fuq ismu, bl-intendiment li qabel ma jinkera l-post kellhom jigbru €50 bhala depozitu ghal dawn il-kontijiet. Gara li l-konvenuta u ommha kienu jigbru dawn il-flus ad insaputa tieghu u kienu jzommuhom, bir-rizultat li kien qed jispicca jhallas il-kontijiet hu stess. Ghaalhekk iddecieda li jaqla' s-submeter, minkejja li kien sab l-ostakoli minn naha ta' KLM. Jispjega ukoll li kien hemm incident fejn l-inkwilini li kienu jikru l-basement kienu Russi u kienu nvoluti fid-droga. Spiccaw li kienu gew l-pulizija u faqqghu l-bieb ta' barra tal-basement u arrestaw dawn l-inkwilini. Ighid ukoll li peress li ma kellux access ghal dan il-post, ma kienx jaf jekk kinux kissru l-ghamara,imma madanakollu, kienet il-konvenuta u ommha li kienu jiehdu l-kera.

Omm il-konvenuta, IJ, kienet imbaghad fethitilhom kawza sabiex hu u uliedu jivvakaw mill-fond fejn kienu joqoghdu u spicca ma kellux flus biex jikri u dar ghall-ghajnuna ghand iz-zija tieghu NO, li kien ilu ma jkellimha ghal xi ghoxrin sena minhabba l-konvenuta. Din kienet laqqghathom fid-dar taghhom u uriethom hafna mhabba. Kienet ukoll fethitlu kawza ghall-kera li kienet tilfet tul iz-zmien li huma bhala familja kienu joqoghdu fid-dar matrimonjali taghhom. Kellu jhallasha dawn il-flus meta kienu jafu li kellu problemi finanzjarji u kellu jrabbi erbat itfal. Kienu anke ghamlulu mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' €45, 000 li kellhom inehhu eventwalment, wara li hareg mandat ukoll fil-konfront taghhom.

L-attur ikompli jghid li meta l-affarijiet bejnu u l-konvenut kienu mixjin tajjeb, kienu hadu self mill-Bank of Valletta plc. f'isimhom, izda ghan-nom ta' omm il-konvenuta u dan sabiex thallas ghax-xiri tal-petrol, peress li kellha pompa tal-petrol u kellha d-dejn u kienu ser jiehdulha. L-intendiment kien li thallas dawn il-pagamenti u bdiet taghmel hekk sakemm beda l-inkwiet bejniethom, ghax imbaghad kienet waqqfghet taghmel il-pagamenti. L-attur ighid li beda jaghmel dawn il-pagamenti hu, izda mbaghad kien waqaf. Il-Bank of Valletta plc. kienu fethu kawza kontrih u l-konvenuta, li qatt ma dehret. Il-kawza spiccat intilfet u spicca li sekwestrawlu l-flus li kien wiret minghand zitu NO.

Illum l-attur jikkonferma li ghandu relazzjoni ma' PQ li hija l-partner tieghu. Ikompli jghid li ma jghixux flimkien, izda jiltaqghu fil-weekends. Jichad li l-konvenuta kienet tisfidah li kellu l-haddiehor peress li kienet isiblu z-zjut u l-lipstick fuq il-hwejjeg.

2. Il-konvenuta tispjega li dwar l-assi, id-dar matrimonjali u cioe' 70, Adagio, Triq l-Gharbiel, Swieqi, kienet tappartjeni lil ommha.

Tikkonferma li tul iz-zwieg kienu hadu self fl-ammont ta' Lm5,000 (€11, 647) u tghid li dawn kienu ssellfuhom ghall-business t'ommha. Tghid li minn dan l-ammont kienet hallset €4, 659. Tghid li mbaghad peress li ndunat li l-attur ma kienx qed ihallas il-kambjali tal-karozza taghha, kienet waqfet thallas il-loan u minflok bdiet thallas il-flus li kienet tghaddilha ommha, ghall-karozza.

Il-konvenuta tghid li kienet telqet mid-dar cirka ghaxar snin ilu peress li l-attur irrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi abbuz kemm fiziku kif ukoll verbali u minhabba adulterju ma' PQ li kien dahhalha tghix fid-dar mieghu u ma' uliedu. Xi sitt xhur qabel ma telqet mid-dar, tghid li l-attur ma bediex itiha flus u kellha tohrog tahdem.

Tikkonferma li mbaghad kienet fethet kawza sabiex tizgombra lill-attur mid-dar matrimonjali u fil-fatt kienet rebhitha. Ziedet tghid ukoll li l-attur kien gar kollox mid-dar, fided, ghamara u deheb u djamanti, kif ukoll kien qala' l-meter tad-dawl u ilma.

Tghid li l-attur minn dejjem kien jghawwi lil uliedhom kontriha u llum lanqas biss kienet mistiedna t-tieg ta' binhom E u lanqas kienet taf li binhom G kien ghamel zmien irrikoverat l-ITU.

Il-konvenuta tinsisti li kien hemm dizgwid mal-attur ghax kien mohhu fil-familja u kien imur ghand ommu u jiehu lit-tifel il-kbir u jibqa' hemm mill-gimgha sal-Hadd.

Tghid li ta' kuljum kienet toqghod taghmel il-homework mat-tfal.

Peress li kienet tahdem tghid li kienu jiddepositaw il-flus taghhom go kont joint u minn hemm kien jithallas il-loan li kellhom. Tghid li kien hemm loan iehor ta' Lm8,000 u dan kien thallas bil-flus li kienet taghtiha ommha. Fuq dan l-ammont tghid li kienu rrangaw il-basement, kif ukoll kienet tat xi flus lil ommha peress kellha takkumpanja lill-attur l-Inghilterra meta kellu bzonn operazzjoni u minkejja li kienu hallsu l-Gvern u Tumas Group ma min kien jahdem dak iz-zmien, kellha bzonn il-flus sabiex tghix hemmhekk.

Dwar il-vettura li kien xtralha l-attur bhala *birthday present*, tghid li peress meta l-attur kien beda johrog filghaxijiet, kien waqaf ihallas il-pagamenti fuq il-karozza Citroen kienet hallsitha hi u mbaghad bieghetha ghall-prezz ta' Lm2,700, liema flus tametti kienet zammithom hi peress li kienet hallset il-karozza. Il-hlas kien sar parti mill-flus tal-Bank li kienu jammontaw ghal Lm1,500 u kienet ukoll ghenitha ommha.

Dwar is-sentenza ta' kawza li kienet fethet il-Bank of Valletta kontrihom, tghid li dan kien jammonta ghal xi €16,000 u kienet taf li hallashom l-attur, pero' ma kinitx taf li dawn thallsu minn wirt.

Il-konvenuta kkonfermat li ilha xi ghaxar snin u nofs f'relazzjoni ma' KLM u meta telqet mid-dar kienet marret tghix mieghu,

3. EB, bin il-partijiet, jispjega li meta twieled kienu jghixu man-nanna paterna u kien baqa' *close* hafna taghhom. Kien ikun il-kagun ta' hafna glied bejn il-genituri, ghax meta marru jghixu go darhom, kien irid imur ghand in-nanna ta' sikwit u l-konvenuta ma kinitx tridu u jekk kien imur kien jispicca jaqla' kastig. Ighid li kien ihossu kuntent u mahbub ghand in-nanna, iktar minn meta kien joqghod id-dar m'ommu.

Bin il-partijiet ikompli jghid li l-konvenuta lanqas kienet tghinhom fil-homework u kienet tibghatu ghand iz-zija R, u gieli mar anke bil-bus, ghax ma kinitx twasslu. Faccendi ftit li xejn kienet taghmel ghax kienet persuna ghazziena, kienet tqatta' hafna mill-hin fuq is-sufan tara t-televixin u tpejjep.

Huh FB, filwaqt li jikkonferma dan kollu jispjega ukoll li bil-kemm kienet isajjarilhom jew kienet tixtrilhom affarijiet frozen, li seta' jsahhnu fil-microwave. Ghall-iskola kienet taghtihom 50 cents biex jixtru xi haga mit-tug shop, izda ghall-ohthom H, peress li dak iz-zmien ma kienx hemm tug-shops, kien jispicca jlesti l-lunches l-attur. L-istess kien ighodd ghall-uniformijiet. L-attur kien jiehu hsieb, ghax kemm il-darba kienu jmorru bl-uniformi mxarrba ghax kienet tinsa' tahsilhom jew tnixxifhom. G zied ighid ukoll li l-konvenuta lanqas kienet twassalhom ghad-duttrina u kienu jmorru wahedhom. Binthom H tikkonferma li peress li kellha naqra boghod biex tmur wahedha ma kinitx tmur u spiccat li kellha taghmel il-Grizma snin wara u mhux mat-tfal tal-eta' taghha. Ghal dak li jirrigwarda Parents' Day jew kuncerti tal-iskola kien dejjem l-attur li kien jattendi.

EB jkompli jghid li l-konvenuta kienet kontinwament tipprovoka lill-attur bl-isperanza li jitlef il-pacenzja u jerfa' jdejh fuqha biex ikollha fuq xiex takkuzah, izda jghid li l-attur kien bniedem ta' hafna pacenzja u kien jippreferi jaqla' go fih. Kienet ukoll ghajjura u ma kinitx tahmel lill-familja tal-attur. Kienet ghamlet zmien ukoll iffissat li l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' wahda mill-impjegati tieghu u kienet marret fuq il-post tax-xoghol u ghamlet xenata. Dan kollu huwa kkonfermat minn F ukoll. G jsemmi incident fejn meta ghalaq sittax-il sena missieru kien xtralu stereo

bis-surround. Il-konvenuta kienet hadet ghaliha u kienet qed tippretendi rigal ahjar, meta skond G, l-attur ma kien ihalliha nieqsa minn xejn.

F'xi zmien l-attur kien ghajja u ddecieda li jitlaq u mar ighix Bugibba go one-bedroom apartment. Meta kien ser jitlaq kienet tatu angina u l-konvenuta lanqas biss cemplet it-tabib meta kienet ratu hekk. Uliedu F u G, kienu marru mieghu u kellhom anke jbiddlu l-iskola u l-hbieb minhabba dawn ic-cirkostanzi. E jametti li xtaq imur, izda minhabba r-ragunijiet ta' xoghol ma setax jiccaqlaq. H kienet baqghet tghix m'ommha, izda l-attur kien imur jaraha kuljum u nhar ta' Sibt kien dejjem johrogha. Eventwalment, il-konvenuta bdiet tinsisti mal-attur li jmur lura d-dar, fost opposizzjoni tat-tfal F u G. Meta mar lura nduna li l-konvenuta kienet lghabitu ghax rieditu jixtrilha karozza. Dan huwa kkonfermat minn F. Luke jghid li kien mar ighix ghal xi zmien ghand iz-zija R.

F ikompli jispjega li l-konvenuta riedet tibda ggib l-istudenti u fil-fatt hemm kienet ghamlet, izda lanqas kienet issajrilhom. Kienet tippreferi taghtihom il-flus biex jixtru minghand McDonalds. Imbaghad binhom GF ikompli jghid li kienet iddejjqet u kienet iddecidiet li tmur tahdem bhala salesgirl fil-hanut Murphy & Me. Kemm E, kif ukoll F jikkonfermaw li l-konvenuta kienet bdiet idum barra wara li kienet tispicca mix-xoghol u mbaghad bdiet torqod barra fil-weekend u wara bdiet torqod fuq fil-kamra tal-bejt u lanqas kienu jarawaha, ghax minn fuq il-bejt kellha access ghal ghand ommha u kienet tohrog minn hemm.

Uliedha lkoll jikkonfermaw li kienet imbaghad bdiet tidhol fid-dar meta ma kinux ikunu hemm u kienet bdiet izarma d-dar ftit ftit, billi hadet dak li kien taghha u affarijiet ta' aktar pregju. Ulied il-partijiet ikkonfermaw li l-attur kellu jbiddel is-serratura tad-dar peress li H kienet tilfet ic-cavetta. Il-

konvenuta, minkejja li kienet telqet mid-dar riedet tidhol u ma setghetx u kien tfacca KLM  bies jisgassa l-bieb. Id-dar kien hemm G u H u kienu bezghu u kienu ghalhekk cemplu lil missierhom u spiccaw li kellhom jintervjenu l-pulizija.

F jjkkonferma li missieru kien fetah qalbu mieghu u kien tkellem mieghu fuq is-suspetti li kellu li l-konvenuta kellha wicc haddiehor. Flimkien ma' huh G, kienu bdew jaghmlulha l-ghassa u kkonfermaw li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' certu KLM . G jkompli jghid li kien ikun id-dar hafna u kien induna li kienet qed tinnamra ma' xi hadd minn fuq il-mobile u l-konvenuta kienet qabdet mieghu peress li ndunat li kien ntebah b' x' kien qed jigri.

F jametti li kien il-favorit tal-konvenuta, izda wara li telaq id-dar u mar ighix mal-attur ma riedx ikellimha u baqqghet tinsisti mal-attur sabiex iggieghlu jkellimha. G jispjega ukoll fiz-zmien ta' hafna tensjoni, ommu kienet vjolenti mieghu u kienet garatlu tazza ghal rasu, tatu daqqa ta' tagen u anke daqqa ta' mqass u go halqu.

Ulied il-partijiet jikkonfermaw li l-konvenuta u ommha kienu decizi biex ikissruhom u fl-ebda mument, il-konvenuta hasbet fihom. Fethu zewg kawzi kontra l-attur, wahda kienet sabiex jizgumbraw mid-dar matrimonjali u l-ohra kienet sabiex l-attur ihallas il-kera ghall-perjodu li kienu baqghu jghixu fid-dar, peress li kienet ta' omm il-konvenuta. Kienu spiccaw barra mid-dar u kellhom imorru jghixu ghand iz-zija tal-attur. Kienu hadu xi ghamara bhad-*diningroom,* il-*main bedroom* u l-kamra ta' sodda ta' ohthom H. G jikkonferma li kienu hadu ukoll *dining set,* xi figurini u l-affarijiet personali taghhom. Ulied l-partijiet jikkonfermaw li

kienu ddispjacuti hafna b'dak li kienet ghamlitilhom il-konvenuta, ghax l-attur kellu jiehu hsiebhom u hallietu bla sold.

F isemmi ukoll li l-attur kien ghen hafna lill-familja tal-konvenuta peress li kellhom pompa tal-petrol u peress li omm il-konvenuta kellha d-dejn, kienu hadu loan ghan-nom taghha u kellha thallashom lura l-pagamenti tal-loan, izda ghamlet xi zmien thallas u mbaghad kienet waqqfghet. Il-konvenuta u ommha kienu jgieghluhom jmorru jahdmu fil-pompa tal-petrol, izda l-attur ma kienx kuntent ghax kellhom hafna x'jistudjaw. F jametti li dan kien perjodu difficli ghalih u ma setax jikkoncentra fl-istudji tieghu, tant li kien hareg mill-iskola u beda jahdem. Imbaghad kien bis-support tad-Dipartiment tal-Human resources tal-Victoria Hotel fejn kien jahdem, li beda jistudja l-ITS.

F ighid ukoll li meta kellu sittax-il sena kellu tfajla S u skond hu l-konvenuta kienet tghir ghaliha. Ma riditux jibqa' maghha u spicca li keccietu mid- dar u mar ighix mal-familja taghha u dam ighix maghha ghal erba' snin.

Ulied il-partijiet jikkonfermaw li llum fuq ghazla taghhhom m'ghadhomx jitkellmu mal-konvenuta. H ukoll tikkonferma li psikologikament it-trobbija li kellha minhabba n-nuqqas ta' bond mal-konvenuta kienet mkissra u kienet tbati minn *panic attacks.* Tghid li qabel ma kinitx thossha komda titkellem fuq il-qaghda taghha, sakemm imbaghad tkellmet ma' psikjatra.

3. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li kienet ghamlet kienu rrizultawlha s-segwenti kontijiet:-

i) F'isem l-konvenuta kien hemm zewg kontijiet.[1]

ii) F'isem l-attur kien hemm erba' kontijiet.[2]

iii) Kontijiet joint.[3]

iv) Zewg kontijiet joint li kienu legal fees.[4]

Dwar Dokument JB 16 tispjega li dan kien jindika ammont dovut ta' €15, 014.30 li kienu gew depositati sabiex jinqata' l-loan u dawn kienu gejjin minn wirt li kien intitolat ghalih l-attur. Minn dan id-dokument jirrizulta ukoll li kien hemm somma ta' €4, 724.59 li ngibdu u gew trasferiti fil-kont Dok. JB 19. Minnhom imbaghad ingibdu €2355 mill-Bank sabiex jigi settiljat kont overdraft li huwa rrapprezentat f'Dokument JB 17.

Tkompli tghid li mid-Dokument JB 19 kien hemm ammont ta' €227.47 li ntuzaw sabiex jithallas l-ispejjes ta' kontro-mandat li kien sar kontra l-partijiet.

Ikkonfermat ukoll li ma kienx fadal dejn mal-Bank.

4. Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li kienet ghamlet kien irrizultalha li f'isem l-attur kien hemm tlett kontijiet bankarji.[5]

---

[1] Dokumenti JB 1 u JB 2
[2] Doks. JB3 sa JB 6.
[3] Doks. JB 7 sa JB 17.
[4] Doks. JB 18 u JB 19.
[5] Dokumenti AMB 1 – AMB 3

F'isem il-konvenuta ma rrizultaw ebda kontijiet. Izda rrizulta kont wiehed joint.[6]

5. Stephen Baldacchino, in rapprezentanza ta' BNF Bank ikkonferma li mir-ricerka li ghamel, kien irrizultalu li ma kienx hemm kontijiet f'isem l-attur, izda f'isem il-konvenuta kien hemm kont kurrenti[7] u credit card account.[8] Ikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet ukoll additional credit card holder ma' terza persuna.

6. Paul Scicluna, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Vat jikkonferma li ma kienx hemm pendenzi ta' VAT mill-partijiet.

7.Joseph Debono, in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi jikkonferma li t-taxxa kienet ghadha qed tinhadem bhala *joint computation* u li prospett ma kienx jintbaghat peress li kienu jircievu paga biss. Ipprezenta ukoll id-dhul tal-partijiet.[9]

8. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-partijiet.[10]

9. Miriam Sultana, in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange, ikkonfermat li kien hemm kont wiehed f'isem AB bin-numru 9525270 u li llum m'hemmx bilanc.

---

[6] Dok. AMB 4.
[7] Dok. SB1
[8] Dok. SB 2
[9] Dok. JD 6 – JD 8
[10] Doks. JS 1 u JS2

10. Dr. Robert Vassallo, in rapprezentanza ta' Transport Malta Direttorat tal-Portijiet u Yachting, ikkonferma li skond ir-registru tal-bastimenti zghar irrizulta li l-attur huwa sid tal-opera tal-bahar S- 14807 u cioe' Nova Marina rigid hull rubber dinghy, liema certifikat kien skada fil-31 ta' Awissu, 2018.[11]

    Ighid li r-registrazzjoni ma gietx imgedda. Ipprezenta ukoll id-dokument ta' trasferiment u l-ewwel certifikat relattiv.[12]

11. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta lista ta' diversi vetturi li huma u li kienu registrati fuq isem l-attur.[13] L-istess ipprezenta lista ta' vetturi li kienu u li prezentement jinstabu registrati f'isem il-konvenuta.[14]

12. Therese Micallef, li kienet tahdem bhala helper mal-konvenuta u l-partner taghha KLM. Tispjega li l-konvenuta kienet infurmatha li kellha access ghad-dar fejn kienet tghix mal-attur u kienu marru biex inaddfu, flimkien mal-konvenuta u LM. Meta dahlu sabu kullimkien imkisser, plakek imkissrin, hafna hmieg fil-kcina. L-istess kienu sabu fil-basement. Tghid li dan kollu kien 'l fuq minn ghaxar snin ilu.

13. TUV, neputi tal-konvenuta, ighid li peress li kien joqghod man-nanna magenb il-partijet, kien ighaddi hafna hin ghandhom, peress li kien close hafna ta' G u H. Kienu jilghabu flimkien u jghid li l-konvenuta kienet fuq taghha u dejjem tohroghom, jew bil-bicycle jew sa Bay street, a differenza t'ommu li kienet tippreferi toqghod id-dar taqra.

---

[11] Dok. RV 1
[12] Doks. RV2 – RV3.
[13] Dok. SC 1u SC2
[14] Dok. SC 3 u SC 4.

Ikompli jghid li l-konvenuta kienet issajjar tajjeb ghall-uliedha u hafna drabi kien jiekol ghandhom. L-aktar platt favorit tieghu kienu l-pancake cannelloni.

14. KLM il-partner tal-konvenuta jghid li kien iltaqa' mal-konvenuta waqt riceviment u dan kien ghall-habta tas-sena 2009. Kien imur jixtri l-hwejjeg mill-hanut fejn kienet tahdem il-konvenuta u kienet tiftah qalbha mieghu dwar il-problemi. Jikkonferma li bdew relazzjoni ghall-habta ta' Marzu, 2009 u peress li l-konvenuta kienet ghamlet zmien torqod fil-kamra tal-bejt, kien ikkonvinciha sabiex titlaq mid-dar u tmur tghix mieghu.

Jikkonferma li kien mar mal-konvenuta fid-dar fejn kienet tghix mal-attur is-Swieqi u kienu sabu li s-serratura kienet inbiddlet u ma setghux jidhlu. Meta kienu marru fil-fond tas-Swieqi, wara li l-attur u uliedhu kienu telqu, kienu sabu l-basement kollu sgassat u mkisser. Fid-dar kien hemm ukoll hafna affarijiet imkissrin, Ikkonferma li l-attur kien qala' l-meter tad-dawl u ilma mill-fond fejn kienu jghixu kollha u kkonferma li kien jaf li dan il-meter kien f'ismu.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

**<u>DIVORZJU</u>**

L-attur qed jitlob il-hall ta' dan iz-zwieg. Sabiex jinghata l-awtorizzazzjoni ghax-xoljiment ta' dan iz-zwieg huwa necessarju li jissussistu r-rekwiziti necessarji u kkontemplati fil-ligi.

Primarjament, jirrizulta car li l-partijiet ilhom de facto sseparati ghal iktar minn erba' snin, tenut kont li l-konvenuta kienet abbandunat id-dar matrimonjali f'Marzu, 2009.

Il-partijiet ilhom 'l fuq minn 10 snin ighixu separatament u ghalhekk jirrizulta li ma tezisti ebda cans ta' rikonciljazzjoni.

Peress li llum it-tfal huma lkoll maggorenni ma jirrizultawx intoppi ta' manteniment.

Ghalhekk, ir-rekwiziti ghall-hall taz-zwieg gew soddisfatti.

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attur qed jitlob dina s-separazzjoni minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika u kif ukoll adulterju u abbandun tad-dar matrimonjali.

**<u>ECCESSI, MOHQRIJA, THEDDID U OFFIZI GRAVI</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta'

Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"....mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi: "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

L-attur ipproduca diversi provi li huma kkorroborati minn uliedu, li l-konvenuta f' xi zmien waqqfghet li tkun omm li terfa' r-responsabbilitajiet taghha. Kienet tqatta' hafna hin tara t-television u tpejjep. Uliedhom kollha kkonfermaw li ommhom, il-konvenuta qatt ma kienet issajjrilhom, qatt ma kienet tghinhom bil-homework u lanqas ma kienet tattendi attivitajiet tal-iskola.

L-attur ighid li meta beda l-inkwiet bejniethom, il-konvenuta kienet tara se tivvinta sabiex tinstigah u tisfidah ghall-glied. Binhom E jiddeskrivi lill-attur bhala persuna pacenzjuza, li ma kienx jaqa' ghall-loghba t'ommu, li kienet qed tfittex l-opportunita' biex takkuza l-attur b'vjolenza.

L-attur jiddeskrivi l-konvenuta bhala persuna ghajjura, li ma kinitx tiehu gost li kien *close* hafna mal-familja tieghu, u li kwazi kienet tigih suggizzjoni sabiex imur jara lil ommu u lil  hutu. Il-verzjoni tal-attur hija

korroborata minn binhom E. Ighid li peress kien vicin hafna tan-nanna paterna ghax meta kien zghir, kienu ghamlu zmien ighixu maghha, kien ried jibqa' jmur jaraha ta' spiss. Dan kien johloq hafna glied bejn il-genituri u kemm il-darba jekk kien imur kontra r-rieda tal-konvenut kien jispicca kkastigat.

Ulied il-partijiet ukoll jispjegaw li tfulithom kienet ikkaratterizzata minn hafna problemi minhabba li hassew in-nuqqas u l-presenza tal-konvenuta f'hajjithom. E hass li ma kellux relazzjoni tajba m'ommu, F, li kien il-favorit tal-konvenuta, kellu jitlaq mid-dar peress li kellu tfajla u ma riditux maghha u spicca mar ighix mal-familja taghha. G huwa dak li qala' l-izjed minghand ommu u l-iktar ghax kien ikun id-dar u kien beda jinduna li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' haddiehor, kif se jigi spjegat aktar 'l quddiem. H, imbaghad tametti hi stess li kellha problemi psikologici minhabba l-assenza tal-konvenuta f'hajjitha. Kienet hasset id-differenza meta kienet tqabbel hajjet il-hbieb taghha, fejn kienu jsibu lil ommhom ghal kollox. Dan kollu ssarraff f'serje ta' *panic attacks*, peress li H ma setghetx tiftah qalbha fuq il-problemi taghha, sakemm sa fl-ahhar sabet il-kuragg u marret ghand psikjatra. Illum hadd mit-tfal jikkomunika mal-konvenuta u dan fuq ghazla taghhhom u mhux minhabba li gew mghawwin minghand l-attur, kif tipprova tpingiha l-konvenuta. Ma pproduciet l-ebda problema sabiex issahhah it-tezi taghha u dina l-Qorti thoss li l-provi tal-konvenuta, li l-attur kien persuna vendikattiva, li abbuza mill-generosita' tal-familja taghha u dawwar it-tfal kontriha, huma ghal kollox fjakki. Huwa inkoncepibbli kif lanqas wiehed mit-tfal ma hass li l-konvenuta kellha ragun u taha l-beneficcju tad-dubbju. Lanqas meta F u G telqu mid-dar, flimkien mal-attur l-ewwel darba li telaq, ma ridux imorru lura, u fil-fatt, G mar ighix ghal xi zmien maz-zija. Kollha specifikaw li ghalkemm ma kinux komdi, minghajr il-konvenuta kienu jhossu serhan tal-mohh u paci.

B'verzjonijiet bhal dawn li kollha jikkorroboraw lil xulxin, ma thalli ebda triq ohra ghal din il-Qorti, ghajr li tirrigetta l-eccezzjoni tal-konvenuta.

**ADULTERJU**

Illi l-attur thoss li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-firda taghhom u dan peress li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju. Iz-zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* **("Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Il-konvenuta qed takkuza lill-attur talli kkometta adulterju ma' certu PQ u li kienet il-kagun tal-maltrattament tieghu u li wassalha sabiex tghix wahedha fil-kamra ta' fuq il-bejt u minn hemm spiccat telqet mid-dar. L-uniku indizji li gabet huwa li kienet issib il-hwejjeg tal-attur mimlijin zejt tal-massaggi, jew imcappsin bil-make up. Provi oltre minn hekk ma gabitx. L-attur ma nnegax li llum qieghed f'relazzjoni ma' PQ u li kien iltaqa' maghha f'tieg u dan wara li kienu bdew bil-proceduri ta' separazzjoni. Ighid li lanqas ighixu flimkien u ghalkemm il-konvenuta ppruvat tikkontradixxi din l-allegazzjoni billi rreferiet ghar-ritratt fejn l-attur u Q jinsabu flimkien fil-kamra tas-sodda, dan ir-ritratt qatt ma pproducietu u l-attur tah spjegazzjoni immedjatament  fejn stqarr li t-tifel tieghu kien ha r-ritratt ghax kienu sejrin tieg.

L-attur ukoll qed jakkuza lill-konvenuta talli kkommettiet adulterju ma' KLM.  Huwa minnu ukoll li l-konvenuta ma tichadx li llum tghix u qiedgha f'relazzjoni ma' dina l-persuna. Li jrid jigi stabbilit huwa minn meta bdiet dina r-relazzjoni. L-attur isemmi li ftit wara li l-konvenuta bdiet tahdem kienu bdew atteggjamenti strambi da parti taghha, sahansitra anke t-tfal bdew jindunaw. Kienet tigi tard wara li tispicca mix-xoghol u fil-*weekends* kienet titlaq ghar-rasha u lanqas kienet torqod id-dar. Mill-*employment history* ipprezentat mill-Jobsplus kienet bdiet tahdem ma' Sissa Ltd. full-time fl-4 ta' Novembru, 2006 u tterminat l-impjieg taghha fit-30 ta' April 2009.

G, bin il-partijiet, jikkonferma li meta kellu xi tmintax-il sena, wara li missieru kien fetah qalbu mieghu u qallu li kien qed jissuspetta li l-konvenuta kellha wicc haddiehor, dan iwassal biex jaghti indikazzjoni li r-relazzjoni setghet bdiet ghall-habta tas-sena 2009, tenut kont tal-eta' tieghu. G, li kien ikun hafna d-dar beda jinduna li l-konvenuta kienet

tghaddi hafna hin fuq il-mobile u meta kienet tinduna li qed jissemma' kienet tinghalaq go kamra. Kien ukoll, flimkien ma' huh F, iddecieda li jaghmlu ghassa lill-konvenuta u ndunaw li wara x-xoghol, kienet tuza' l-karozza ta' LM u kienet tmur tiltaqa' mieghu.

KLM ukoll jikkonferma li kienu ltaqghu waqt riceviment fis-sena 2009 u f'Marzu, 2009, il-konvenuta kienet marret tghix mieghu. Effettivament, fil-fatt waqqfghet tahdem ftit wara li marret tghix ma' LM .

L-attur ipproduca diversi ritratti biex jikkonferma li llum l-konvenuta qieghda fil-fatt f'relazzjoni ma' LM.

Il-konvenuta tipprova tikkonvinci lil dina l-Qorti li kien l-attur l-ewwel li bidilha u ghalhekk il-hajja mizzewwga taghhom diga' kienet fi stat irrimedjabbli. Madanakollu, ingabu provi qawwijin, msahhin bix-xhieda moghtija ta' uliedhom, li l-konvenuta kienet dik li kkommettiet adulterju fiz-zwieg u ma kienx l-attur, li beda relazzjoni wara li l-partijiet infirdu *de facto*. Ta' min ighid ukoll, li l-konvenuta njorat lill-familja taghha u marret tghix fil-kamra fuq il-bejt, ghax kien facli ghaliha tidhol u tohrog fix-hin trid, peress li kellha access ghad-dar t'ommha minn fuq il-bejt.

Ghaldaqstant, jirrizulta li hemm indizi u prezunzjonijiet cari li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju.

**<u>ABBANDUN</u>**

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva."***

Il-konvenuta kienet ilha li abbandunat il-familja, billi marret tghix ghar-rasha, f'parti ohra tad-dar u lanqas kienu jafu meta kienet tkun hemm jew le. Dan kollox sar b'tir, ghaliex meta dehrilha qabdet u telqet u marret tghix ma' KLM. Effettivament, il-familja lanqas kienet indunat li kienet abbandunat id-dar konjugali. Biex jissussisti l-abbandun jehtieg li jkunu ghaddew sentejn u fuq kollox l-abbandun irid ikun bla kawza gusta u cioe' jsir volontarjament. Il-konvenuta kienet konsapevoli tal-azzjonijiet taghha, meta kienet telqet tghix ma' LM u ghaldaqstant oltre minn hekk ghaddew

sentejn minn meta l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali. Ghalhekk, l-abbandun gie ppruvat ukoll.

**ASSI PARAFERNALI**

Ma jirrizultax li ssemmew hafna oggetti bhala assi parafernali. M'hemmx kontestazzjoni li l-attur ghandu fil-pussess tieghu erba' pitturi ta' uliedhom u ghalkemm dawn m'ghandhomx valur monetarju, ghandhom valur sentimentali u dawn kienu nghatawlhom bhala rigal minghand il-partner t'omm il-konvenuta.

L-attur ukoll ikkonferma, u lanqas dan mhu ikkontestat, li kien xtara bi flusu qabel iz-zwieg, *dining room,* kif ukoll *bedroom*. Dawn ukoll jinsabu fil-pussess tieghu.

Sfortunatament, ir-relazzjoni bejn l-ulied u l-omm, idealment qatt m'ghandha tasal f'din l-estremita', fejn ilhom snin ma jikkomunikaw ma' xulxin, pero' in vista tas-sitwazzjoni li dejjem kien l-attur li kien hemm ghall-uliedu, l-portraits ghandhom jinzammu minnu, kif ukoll l-*bedroom* u *dining room,* li wara kollox huma proprjeta' parafernali.

**KOMMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Bhala assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jista' jigi stabbilit li dina kienet il-konsistenza taghha:-

i) Gie kkonfermat li ghandu dinghy, liema dinghy gie trasferit ghal fuqu fl-14 ta' Dicembru, 2006.[15]

ii) Inxtrat vettura Toyota IST b'numru ta' registrazzjoni LCM 198 f'isem l-attur, izda jirrizulta li din inxtrat fil-31 ta' Ottubru, 2006.[16]

Kemm id-dinghy, kif ukoll il-vettura ghandhom jigu assenjati lill-attur.

iii) Bhala mobbli, l-attur ikkonferma li kulma kien ha mid-dar matrimonjali kienu *fine bone china dinner set*, tlett figurini u xi oggetti tal-kristall, il-bqija kienu ttiehdu mill-konvenuta. Meta telqu mid-dar, wara li gew zgumbrati, jinsisti li kien halla kollox warajh.

L-attur jakkuza lill-konvenuta, li ftit ftit, peress li kienet ilha tippjana biex titlaq mid-dar, kienet tiehu l-aktar oggetti prezzjuzi, bhall-oggetti tal-fidda. Hadd mill-partijiet identifika precisament x'kienu dawn l-oggetti li kull wiehed ha u l-valur taghhom, bhall-konvenuta li tinsisti li l-attur ha xi djamanti u da parti tieghu jinnega dan. Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, kemm xejn vagi, tiddeciedi li kulhadd ghandu jibqa' b'dak li ha.

iv) Il-konvenuta kellha vettura Citroen C3 b'numru ta' registrazzjoni GBD 057 li sussegwentement inbieghet mill-konvenuta u kienet zammet dawn il-flus. Huwa minnu li kien hemm parti sostanzjali tal-vettura li thallset mill-konvenuta u kif ser jigi spjegat fil-parti tad-"Djun" ta' dina s-sentenza, ser issir tpacija, izda jibqa' l-fatt li dina

[15] Ara Dok. RV 2 a fol. 480 tal-process.
[16] Ara Dok. SC1 a fol.483 tal-process.

l-vettura kienet inbieghet mill-konvenuta ghall-prezz ta’ €2,700, meta din kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk, ikun gust jekk jigi rifuz nofs dan l-ammont mill-konvenuta.

**DJUN**

v) Il-partijiet kienu hadu loan fis-somma ta’ Lm5, 120.30 ( ekwivalenti ghal €11, 929.26) sabiex ighinu lil omm il-konvenuta peress li kienet qed tirriskja li jehdulha l-pompa tal-petrol. Il-ftehim kien li il-pagamenti tal-istess self isiru minn omm il-konvenuta direttament lilhom u mbaghad ihallsu l-bank. Ghal bidu kien isir hekk u l-kunjata kienet thallas regolarment, izda gara li meta l-konvenuta telqet mid-dar u kienet hadet ukoll il-vettura taghha, li kien ghad hemm kambjali x’jithallsu, l-attur waqaf jaghmel dawn il-pagamenti.

Il-konvenuta tinsisti li kienet waqqfghet tghaddi l-pagamenti li kienet taghtiha ommha ghal loan u minflok bihom kienet thallas il-vettura taghha. Dan gie ppruvat permezz tal-kambjali li pprezentat il-konvenuta, kif ukoll ittra minghand Muscat Motors in konferma li l-pagament gie saldat. Jirrizulta li l-pagament kien ta’ €5350.
In konsegwenza tal-fatt li l-pagamenti tal-loan ma kinux qed isiru, il-Bank of Valletta kienet fethet kawza u spicca li peress li l-konvenuta njorat kompletament il-proceduri, inqatghet is-sentenza kontrihom fejn gew ikkundannati jhallsu s-somma ta’ €15, 014.30 li spicca thallsu in segwitu ghall sekwestru li kien sar mill-Bank of Valletta plc. fuq flus li kien wiret l-attur minghand zitu NO.

Ghalhekk jirrizulta li parti minn dan il-loan gie saldat peress li l-konvenuta kienet hallset il-bilanc li kien ghad fadal fuq il-vettura.

Madankollu, l-ammont li gie sekwestrat mill-Bank of Valletta plc. kien ta' €15, 014.30 u nofs dan l-ammont jekwivali ghas-somma ta' €7,507.15 li minnhom ifisser li l-konvenuta hallset €5350 (fuq il-vettura Citroen) u ghalhekk ghas-saldu ta' sehemha fadlilha thallas is-somma ta' €2,157.15.

vi) L-attur qed jitlob li jinghata lura l-flus li hareg ghall-benefikati li ghamel fid-dar matrimonjali u cioe' 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi, li minnha mbaghad gie zgumbrat peress li d-dar kienet tappartjeni lill-omm tal-konvenuta.

Ipprezenta prospett bl-ammont ta' spejjes li hallas li kienu jammontaw ghal €29, 510 u jinsisti li dawn thallsu mill-ispejjes parafernali tieghu. Il-konvenuta tinnega dan u tghid li kien ighaddi l-ircevuti lil ommha, li kienet tirrifondilu l-flus.

Mill-provi prodotti mill-attur jispjega li l-genituri tal-konvenuta kienu tawha bicca art, li fuqha bnewlhom id-dar u kienu hallsu l-ispejjes ta' kostruzzjoni, filwaqt l-ispejjes ta' finishes, wiring, piping kienu thallsu mill-partijiet. Il-konvenuta ma tinnegax li dawn ix-xogholijiet saru. Madanakollu, minn jallega jrid jipprova u l-konvenuta qatt ma gabet provi sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li dawn l-ispejjes ma kinux parafernali. Ghalhekk dan l-ammont ta' €29, 510 ghandhom jigu rifuzi lill-attur.

vii) l-attur qed jitlob li l-konvenuta thallas lura s-sehem taghha mill-ispejjes li saru sabiex l-basement tad-dar matrimonjali jigi kkonvertit f'appartament. Huwa kkonfermat mill-partijiet li kienu hadu loan ta' Lm8,000 biex issir dina l-konverzjoni. Fil-fatt, fil-

prospett li pprezenta kkonferma li kien hallas €18, 635 ghax-xogholijiet ta' kostruzzjoni fl-appartament, kif ukoll ghall-finishings. Kienu hallsu ukoll €10,000 ghall-kcina, bibien, ghamara u fittings.

Fil-mori tal-kawza, il-konvenuta ppruvat tpingi sitwazzjoni, fejn wara li l-attur, flimkien ma' uliedu gie zgumbrat mid-dar matrimonjali kienu kissru kull m'hemm, flimkien mad-dar matrimonjali. Dina l-verzjoni hija mwarrba mill-verzjoni iktar verosimili tal-attur, li jispjega li kien hemm perjodu fejn l-konvenuta u ommha kienu jikru dan l-appartment lil grupp Russi, li kienu nvoluti fid-droga u meta marru jfittxuhom l-pulizija kienu sfrondaw il-bieb u kkagunaw diversi hsarat. Din il-verzjoni hija kkorroborata minn diversi xhieda prodotta mill-attur, filwaqt in kontro-ezami, il-konvenuta ma setghetx tirrispondi jekk kienux marru l-pulizija.

Il-konvenuta ukoll tinsisti li parti mill-ammont tal-loan ta' Lm8, 000 intuzaw biex ikopru l-ispejjes medici peress li l-attur kellu jaghmlu operazzjoni l-Inghilterra. Izda l-attur jinnega dan meta jinsisti li dawn l-ispejjes medici gew koperti minn Tumas group peress li dak iz-zmien kien jahdem maghhom, kif ukoll kien hemm ghajnuna mill-Gvern. In kontro-ezami, il-konvenuta ma tinnegax li Tumas Group kien ghen lill-attur finanzjarjament ghall-operazzjoni, izda zzid tghid li kienet intuzat flejjes minn dan il-loan peress li kellha takkumpanjah u kellha bzonn flus biex tghix l-Inghilterra. Izid tghid ukoll li ommha kienet ghenitha ukoll.

Ghalhekk huwa gust li l-konvenuta thallas sehemha minn dan l-ammont.

L-attur semma ukoll li kellu jhallas l-kontijiet tad-dawl u ilma waqt li l-appartment kien mikri peress li l-konvenuta kienet izomm il-kera ghaliha u ma kkontribwitx ghal dawn l-ammonti. Bejn is-snin 2007 u 2009, l-attur hallas is-somma ta' €3, 347.89 kif jirrizulta mid-dokument F li esebixxa.[17]

Tenut kont li dan l-appartament, li kien jinstab fil-basement tad-dar matrimonjali, kien parafernali ghall-konvenuta, anzi kien t'ommha, wiehed ma jistax jippretendi li jaghmel kawza biex jizgombra lill-attur,  jaghmel kawza biex ihallas il-kirja peress li baqa' jghix hemmhekk l-attur, imbaghad jippretendi li ghandu jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma tal-inkwilini u l-konvenuta u ommha jzommu mhux biss il-kera, izda sahansitra d-depozitu li kien jinzamm bhala rigal biex jibbilancjaw il-kontijiet tad-dawl u ilma.

Tenut kont ta' dan kollu, il-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur lura s-somma ta' €3,347.89.

viii) Kull partijiet ghandha zzomm il-kontijiet bankarji taghha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici;
2. Tilqa' t-tieni talba attrici stante l-abbandun u adulterju kommessi mill-konvenuta;

[17] Ara fol. 58 tal-process.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici;
4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u xxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti fil-mod kif fuq gie deciz;
5. Tilqa’ l-hames talba attrici sa fejn gie deciz aktar ‘l fuq fis-subtitoli “Assi Parafernali” u “Komunjoni tal-Akkwisti.”
6. Tilqa’ s-sitt talba;
7. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta’ dina t-talba stante li llum binthom H ghalqet 23 sena;
8. Tilqa’ t-tmien u d-disa’ talba sa fejn huma kompatibbli ma’ dak li gie deciz aktar ‘l fuq;
9. Tilqa’ l-ghaxar talba;
10. Tilqa’ l-hdax-il talba u tordna li fi zmien jumejn tigi rregistrata l-istess sentenza.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**